

P6_TA(2007)0270

L-adozzjoni tal-munita unika minn Ċipru fl-1 ta' Jannar 2008 *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat KE dwar l-adozzjoni tal-munita unika minn Ċipru fl-1 ta' Jannar 2008 (COM(2007)0256 – C6-0151/2007 – 2007/0090(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0256),
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' l-2007 dwar il-konverġenza ta' Ċipru (COM(2007)0255) u r-rapport tal-Bank Ċentrali Ewropew ta' Mejju 2007 dwar il-konverġenza ,
 - wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni - dokument anness mar-Rapport tal-Kummissjoni - Rapport ta' l-2007 dwar il-Konverġenza ta' Ċipru (SEC(2007)0623),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taż-żona ta' l-euro¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 122(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0151/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0244/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Huwa favur l-adozzjoni ta' l-Euro minn Ċipru fl-1 ta' Jannar 2008;
 3. Jitlob lill-Istati Membri biex iħallu lill-Kummissjoni tevalwa l-konformità mal-kriterji ta' Maastricht fuq il-bażi ta' data definita, attwali, ta' kwalità għolja u li wieħed jista' jorbot fuqha;
 4. Jistieden lill-Kunsill biex jinformat jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

¹ ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 249.

6. Jagħti iŋstruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.